# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 20 ta' Marzu,2001**

**Numru 5**

**Avviz. numru 484/00mm**

**Anthony Griffen**

**vs**

**Mark Anthony Parretti**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attur fit-18 ta' April 2000 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' seba' mija u tmienja u disghin lira u hdax-il centezmu (Lm789.11c) in linea ta' danni li huwa sofra bhala rizultat tal-kollizzjoni li grat Birkirkara fid-9 ta' Mejju 1998 meta l-Vauxhall Corsa numru JAA 669, li kienet ipparkjata, intlaqtet mis-Seat Ibiza numru KBB 463 misjuqa minnu.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-8 ta' Gunju,1998 u ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Lulju, 1998 kontra l-konvenut u l-assikurat tieghu, u dawk ta' l-ittra ufficjali kontra l-assikuraturi

tal-konvenut li giet prezentata kontestwalment ma' l-avviz u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecepixxa illi:

1. It-talba tal-attur ghandha tkun respinta billi l-incident tat-traffiku meritu tal-kawza ma garax tort tal-eccipjent.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat in-nota ta' l-attur ta' l-1 ta' Marzu,2001 fejn irriduciet it-talba ghal seba mija u tmienja u tletin lira u hdax-il centezmu (Lm738.11c).

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni illi grat fis-service road tal-ByPass ta' B'Kara fit-Triq bl-isem ta' Dun Karm faccata tal-Model Shop. Il-karozza ta' l-attur JAA 669 kienet ipparkjata magemb it-triq mentri l-karozza tal-konvenut KBB 463 kienet ghaddejja minn din it-triq fid-direzzjoni ta' l-stop sign.

L-attur xehed illi huwa sar jaf b'din il-kollizzjoni wara li semgha l-hoss ta' brejkijiet u xi hadd minn shabu gie jghidlu illi kien hemm kollizzjoni fejn karozza baqghet diehla fil-karozza tieghu.

Il-konvenut Parretti jghid illi huwa minnu illi kellu dan l-incident mal-karozza ta' l-attur pero' waqt li huwa kien ghaddej f'din is-service road kien hemm karozza ohra, van bin-numru LAK 617 misjuqa minn Russu bl-isem Alexei Kadetski illi f'daqqa wahda harget minn fuq il-lemin tat-triq u mblukkatlu l-perkors tieghu. Il-konvenut meta ra hekk ghafas il-brake pero' dawwar il-karozza tieghu lejn ix-xellug biex jevita lil Kadetski u b'hekk baqa diehel fuq il-karozza ta' l-attur. Ma kien hemm ebda kuntatt bejn il-karozza tal-konvenut u l-vettura misjuqa minn Kadetski.

M'huwiex kontestat bejn il-partijiet illi l-attur ma ghandhux jahti ghal dan l-incident. Il-kwistjoni illi qamet kienet biss dwar ir-responsabbilta' tal-konvenut in vista ta' dak illi gara bl-operat ta' Kadetski meta hareg il-vettura tieghu minn parking space fuq il-lemin u ghalaq il-karreggjata tal-konvenut. Fl-ezami tieghu l-konvenut qal illi ma kienx hemm spazju bizzejjed bejn il-vettura ta' Kadetski u l-karozza ta' l-attur biex huwa jkun jista jghaddi minghajr ma jahbat ma' xi hadd minnhom.

Gie risaput illi wara l-karozza tal-konvenut jidhru brake marks f'tul ta' 12.30metru. Dawna bejn wiehed u iehor isarrfu f'velocita' ta' 40k.f.s. Mhijiex xi velocita' esagerata ghal din it-triq ghad illi tista tkun xi daqsxejn imprudenti. Fil-kors tal-konsiderazzjonijiet taghha pero' il-Qorti rat illi din il-velocita' illi kien ghaddej biha l-konvenut ma kienetx il-kawza principali ta' dan l-incident. Veru

illi l-attur ma jahti xejn, pero’ hija kwistjoni ohra jekk ghandux jahti ukoll il-konvenut.

L-attur ma jistax jistrieh biss fuq il-fatt illi l-impatt sar biss bejniethom quindi huwa biss il-konvenut illi ghandu jwiegeb. L-attur ghandu jipprova element ta’ negligenza fis-sewqan tal-konvenut illi minhabba f’hekk gie kkawzat l-incident u l-konsegwenzjali danni. Il-fatt biss illi zewg vetturi habtu ma’ xulxin ma jfissirx illi awtomatikament xi hadd minnhom huwa responsabbli. Jekk hemm xi terz involut dana wkoll jista jkun responsabbli jekk bl-agir tieghu ssorprenda lis-sewwieqa l-ohra u minhabba f’hekk kellhom jiehdu mizuri evazivi li kkawzaw kollizzjoni.

F’kawza deciza mill-Prim Awla fis-17 ta’ Ottubru 1997 fl-ismijiet Francis Paul Ebejer noe vs Malcolm Mifsud il-Qorti qalet illi f’materja ta’ kollizzjonijiet fost affarijiet ohra l-attur irid l-ewwel nett jaghmel il-prova li l-incident awtomobilistiku inkwistjoni kien gara b’tort tal-konvenut. Din il-prova trid issir dejjem u jekk ma ssirx b’mod sodisfacenti l-Qorti ma tkunx tista tilqa’ t-talbiet attrici (ara wkoll Joseph Rausi noe et vs John Muscat Appell 22 ta’ Novembru 1995).

Fl-isfond ta’ dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti jidhrilha illi l-konvenut ma ghandux jahti ghal dan l-incident peress illi l-kawza principali tieghu hija attribwita ghas-sewqan ta’ Kadetski li kien qed isuq il-van LAK 617 illi qabad u hareg minn parking space tieghu, nvada l-karreggjata misjuqa mill-konvenut, dana gie sorpriz, kellu jiehu mizuri evazivi b’tali mod illi baqa diehel fuq il-

karozza ta' l-attur, quindi l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju illi l-kawza principali ta' dan l-incident huwa dan is-sewqan negligenti da parti ta' Kadetski u mhux xi sewqan da parti tal-konvenut. La Kadetski mhuwiex qieghed fil-kawza l-Qorti ma tista tiehu l-ebda provvediment fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut, tichad it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

Anthony Zammit
Dep Reg